MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 238/2006/1

**Joseph Meilaq**

**vs**

**Antoine Vassallo**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat illi l-attur ipprezenta rikors fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talabha tikkundanna lill-konvenut thallsu s-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) rapprezentanti din is-somma refuzjoni ta' flus ta' valur ta' flus imhallsa lill-konvenut bhala parti mill-

prezz ta' Toyota Vitz li kellha tigi konsenjata lilu, izda baqghet ma giet qatt hekk konsenjata.

Bl-ispejjez u l-konvenut hekk ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta (3) ta' Jannar 2007 fejn espona s-segwenti:-

1. Preliminarjament, l-eccipjent. in kwantu citat in gudizzju fil-vesti tieghu personali, m'huwiex il-legittimu kontradittur, stante li n-negozju 'n kwistjoni sar mas-socjeta 'Antoine Auto Dealer Limited' u mhux mal-eccipjent personali.

2. Illi t-talba attrici hija irrita u nulla stante li fir-realta, it-talba tal-attur mhux ghal refuzjoni kif dedott fl-avviz promotur, izda ghall-infurzar ta' hlas ta' prezz ta' vettura, ghaldaqstant it-talba attrici kif dedotta ma tistax tigi akkolta.

3. Illi 'n realta n-negozju prospettat bejn il-partijiet kien wiehed ta' permuta, fis-sens illi kellu jsir tpartit bejn vettura tal-ghamla Tata Indica, proprjeta tal-attur, ma vettura tal-ghamla Toyota Vitz illi kellha tigi mportata appozitament mis-socjeta 'Antoine Auto Dealer Limited' biex tinbiegh lill-attur, liema negozju prospettat ma sehhx minhabba ragunijiet illi certament m'humiex imputabbli la lill-eccipjent u lanqas lill-imsemmija socjeta 'Antoine Auto Dealer Limited', ghaldaqstant gia la darba n-negozju prospettat ma sehhx, l-attur, kif fil-fatt diga kien accetta, huwa ntitolat biss li jiehu lura l-vettura tal-ghamla Tata Indica u s-somma ta' LM300 minnu mhallsa, kif imsemmi (liema somma u liema vettura s-socjeta 'Antoine Auto Delaer Limited' hija disposta li tirrestitwixxi minnufih lill-atttur), izda ma jistax jippretendi l-hlas fis-somma ta' LM1,700 ghall-vettura tal-ghamla Tata Indica, proprjeta tieghu minnu konsenjata lis-socjeta 'Antoine Auto Dealer Limited' in linea tan-negozju prospettat u li baqa' ma sehhx.

4. Illi 'n oltre, t-talba attrici, 'n kwantu imsejsa fuq il-hlas ta' prezz ta' vettura tal-ghamla Tata Indica, proprjeta ta' l-attur – hija irrita u nulla w infondata fil-fatt u fid-dritt in vista tan-nullita tal-obbligazzjoni sottostanti stante li l-biegh tal-vettura tal-ghamla Tata Indica mill-attur lill-konvenut, ma sarx permezz ta' skrittura ta' biegh, kif rikjest bil-ligi *ad validitatem* (vide *inter alia* s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino moghtija fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Fedele Dalli vs Alfred Caruana" fis-sens illi "…. Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza, li l-forma ta' l-iskrittura f'kazijiet ta' kompravendita ta' vettura, hija wahda *di rigore*. Hu stabbilit illi l-ligi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss *ab probationem* imma *ab substantium et validitatem*". Fl-istess vena wiehed isib is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fis-sebgha (7) ta' Dicembru 1956 fil-kawza fl-ismijiet "Henry Falzon pro et noe vs Carmelo Tanti" u mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Onor. Dr. M. Caruana Curran LL.D fit-tnax (12) ta' Dicembru 1963 fil-kawza fl-ismijiet "George Caruana vs Giuseppe Bonett."

5. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Illi nhar id-disgha (9) ta' Mejju 2007, l-attur ipprezenta l-affidavit tieghu li gie markat bhala Dok. JM 1 u l-affidavit ta' huh Vincent Meilaq, li gie markat bhala Dok. JM 2.

In kontr'ezami nhar il-hmistax (15) ta' Gunju 2007, l-attur jikkonferma li xtaq jixtri vettura *automatic* minhabba l-kondizzjoni medika hazina tieghu, izda jikkonferma li mill-ewwel stess kien qallu li xtaq vettura Vitz, izda ma kienx partikolari fuq il-kulur. Jghid li kien lest li jaghmel it-*transfer* tal-vettura

tieghu ghal fuq il-konvenut minnufih, sabiex ma jkomplix ihallas l-*insurance* u r-*road license* taghha. Jichad li l-konvenut kien offrielu xi vettura Toyota Vitz ta’ xi sena partikolari.

**Joseph Meilaq** fl-affidavit tieghu jghid illi huwa jbati mill-marda tad-dijabete u minhabba f’hekk, kellhom jaqtghulu s-swaba ta’ saqajh. Jghid li pero qabel ma kellu din l-operazzjoni, kellu vettura tal-ghamla Tata Indica *manual* w ghalhekk ma setghax isuqha aktar.

Jispjega li n-nies qalulu b’’Antoine Auto Dealer’ u mar hemm biex jara kemm kien lest li jaghtih tal-vettura tieghu. Qallu li kien lest li jaghtih is-somma ta’ LM1,700 taghha w ghalhekk waslu ghal ftehim dwar il-prezz. Qallu wkoll li huwa kien interessat li jixtri vettura tal-ghamla Toyota Vitz. Qallu li ma kellux din il-vettura pero seta’ jaqdih. Qallu li seta’ jordnahielu, basta jaghtih il-vettura tieghu tal-ghamla Tata Indica w is-somma ta’ LM300 bhala depozitu, biex b’hekk qisu tah is-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000). Ghalhekk jghid li ftehmu u huwa tah is-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300) dakinhar stess fil-ghaxija. Ghamillu t-*transfer* tal-vettura w ikkonfermalu li l-vettura tal-ghamla Toyota Vitz kienet ser tiswih bejn is-somma ta’ erbat elef u mitjen lira Maltin (LM4,200) u erbat elef u erbgha mitt lira Maltin (LM4,400). Qallu li kien ser jaqdih malajr minhabba l-problema medika li kellu.

Jispjega li nel frattemp kien jiccekja x’karozzi kienu gejjin minn barra fuq l-*internet* peress li kien qallu minn fejn igibhom. Huwa fil-fatt kien sab diversi u dejjem kien ighidlu bihom, izda huwa kien ighidlu sabiex ihalli f’idejh. Sahansitra anke spicca qallu jekk kienx possibli li jgiblu din il-vettura minghand *dealer* iehor hawn Malta. Qallu sabiex imur ifittex *dealer* u sahansitra kien mar ghand Montebello u ra l-vettura li xtaq tal-ghamla Toyota Vitz. Huwa mar ghand il-konvenut u qallu

biha, pero dan wiegbu li hu ma jkellimx lil ta' Montebello.

Jghid li huwa kien wkoll applika sabiex jaghtuh ghajnuna sabiex jixtri din il-vettura u kienu tawh is-somma ta' Lm1,700, izda jekk kien ser idum, kien ser jitlef dan il-beneficcju lilu moghti. Huwa ghalhekk kien anke mar biex igedded l-applikazzjoni li kellu ghall-ghajnuna, stante id-dewmien, w il-konvenut kien qallu li seta' anke igiblu aktar ghajnuna.

Huwa mbaghad spicca mar ikellem avukat ghaxar xhur wara. Jghid li huwa halla daqshekk zmien jghaddi, ghaliex kellu t-tama li l-konvenut kien ser jaqdih. Izda fl-ahhar, anke meta beda jcempillu, kien jaqtghlu t-telefon. Jghid illi huwa kien baghtlu diversi ittri w il-konvenut ried jaghtih lura is-somma ta' tlett mitt lira (LM300) u jirritornalu l-vettura tal-ghamla Tata Indica, li kienet diga giet trasferita ghal fuqu, izda ma ftehmux w ghalhekk kien fetah din il-kawza. Jghid li mart il-konvenut wkoll kienet taghtih r-ragun, ghaliex l-konvenut kien hallih jistenna hafna.

Ikkonkluda u qal illi huwa xtara vettura tal-ghamla Daihatsu ghaliex ma setax jistenna aktar w ghamel hekk billi dahal f'aktar spejjez u dahal f'*loan* mal-bank w illum qed ihallas l-imghaxxjiet.

**Vincent Meilaq,** ħu l-attur fl-affidavit tieghu jghid li kien hu li ssugerixxa lil huh sabiex jixtri vettura *automatic* wara li kellu s-swaba tieghu maqtugha u jghid li mar ukoll ma huh sabiex japplika ghall-ghajnuna socjali. Jghid li akkompanja lili huh ghand l-konvenut u kienu ftehmu dwar in-negozju kif spjega mill-attur stess. Ikkonferma li t-*transfer* tal-vettura tal-ghamla Tata Indica minn fuq huh ghal fuq Antoine, lahqet saret ukoll. Qal li damu hafna jistennew din il-vettura, izda ma waslet qatt.

Dottor Chris Cilia ghall-konvenut ipprezenta dokument li gie markat bhala Dok. 'Z' li kienet ittra li giet mibghuta mill-avukat difensur tal-attur lill-konvenut nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2006, fejn fiha hemm konfermat in-negozju li kien sar bejn il-partijiet. Fl-atti a fol. 23 hemm ukoll ittra mibghuta mill-konvenut Antoine Vassallo lill-avukat konsulet tal-attur datata sbatax (17) ta' Lulju 2006, b'risposta ghall-ittra legali li kien ircieva.

Illi nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 2008 din il-Qorti kif preseduta, kienet irrilevat li peress illi l-attur ghal xi zmien kien ippatrocinat minn huwa Dottor Jose Herrera, ai termini ta' l-artikolu 734(1)(g) tal-Kap. 12, kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dan il-kaz.

Illi pero permezz ta' nota konguntiva datata disgha w ghoxrin (29) ta' Jannar 2008, l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li huma xtaqu li din il-Qorti kif preseduta, tkompli tisma din l-istess kawza u li tigi deciza minnha.

Illi ghalhekk b'digriet taghha tal-hdax (11) ta' Frar 2008 hija riappuntat din il-kawza ghall-hdax (11) ta' Marzu ghall-kontinwazzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2008 l-avukati tal-partijiet kienu talbu lil din il-Qorti taghti sentenza preliminary dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha nhar id-disgha (9) t'April 2009 fl-ismijiet premessi meta din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju, 2008 d-difensur tal-konvenut talab li jinghata sentenza dwar it-tieni u r-raba eccezzjonijiet tieghu u l-avukat tal-attur irremetta ruhu.

Rat li fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 2008 din il-Qorti ghaddiet biex tat sentenza preliminari fuq dak mitlub minnha u cioe fuq it-tieni u r-raba eccezzjoni meta cahdet l-istess eccezzjonijiet.

Illi nhar il-hdax (11) ta' Marzu 2009 xehed il-konvenut **Antoine Vassallo** u qal li jiftakar li l-attur kien mar ghandu sabiex jixtri karozza bin-*number plates* TFI u cioe ghall-uzu minn nies b'disabilita. Jghid li kien ghamillu *part exchange* billi l-attur kien tah il-vettura li kellu flimkien mas-somma ta' tlett mit lira Maltin (LM300). Jghid ukoll li l-attur kien talbu li jzomm l-polza ta' sigurta li kellu fuq il-vettura u huwa ma oggezzjonax ghal din it-talba u ha l-vettura u poggiha fis-*showroom* tieghu ghal *re sale*.

Jghid li in segwitu huwa ordna minn barra l-vettura li xtaq l-attur u cioe Toyota Vitz *duty free* peress li hija bin-*number plates* TFI. Jghid fix-xhieda tieghu li l-vettura waslet minn barra izda ma setghax johrogha mix-xatt u fil-fatt qallu li tinzamm ix-xatt u wara qallu li kien ikun ahjar jekk iwaqfu n-negozju. Jghid li kien ircieva ittra minghand l-avukat tieghu sabiex huwa jirritornalu l-vettura li kellu li esebixxa u li giet markata bhala Dok. JM. Huwa kien accetta li jirritornalu l-vettura flimkien mal-flus li kien tah izda jghid lil-attur rega' bdielu.

Illi nhar il-hdax (11) ta' Marzu 2009 l-konvenut esebixxa numru ta' dokumenti permezz ta' nota fosthom ittra datata sebgha w ghoxrin (27) ta' Lulju 2006 miktuba mill-avukat difensur tal-attur li giet immarkata bhala Dok. AV 1 li permezz taghha huwa talab jkollu refusjoni tal-flus li kien ghaddielu flimkien mar-ritorn tal-vettura li kien ghaddielu, ittra miktuba mill-avukat difensur tieghu datata tmintax (18) t'Awwissu 2006 li giet immarkata bhala Dok. AV 2 li permezz taghha huwa jinforma lill-attur li ma kellux oggezzjoni ghat-talba tal-attur u dan ghaliex fil-fehma tieghu, l-*part exchange* ma kienx ghadu possibli, ittra ohra datata sitta w

ghoxrin (26) t'Awwissu 2006 li giet immarkata bhala Dok. AV 3 li permezz taghha l-avukat difensur tal-attur talab rifusjoni tal-flus u cioe is-somma ta' LM2,000 *sic et simplicite* minghajr ma jiehu lura l-vettura tieghu peress li kien diga ghadda sena u nofs mid-data tan-negozju w ittra ohra datata tnejn (2) ta' Settembru 2009 li permezz taghha l-avukat difensur tal-konvenut qed jghid li galadarba n-negozju ma sehhx, allura l-partijiet ghandhom jitqieghdu fi *statu quo ante* qabel ma gie miftiehem in-negozju.

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Mejju 2009 l-konvenut ipprezenta l-affidavit ta' Mariolina Schembri u kopja ta' cedola ta' depositu. (fol. 62)

**Mariolina Schembri** tghid li hija impjegata mal-konvenut u li n-negozju tal-konvenut huwa bazat fuq importazzjoni ta' vetturi minn barra u hija tkun involuta sabiex tiehu hsieb l-ordnijiet specjali cioe meta fl-ordni jkun hemm xi sussidju mill-Gvern bhal ma kien il-kaz tal-attur. Tghid li tiftakar li l-attur kien mar fis-*showroom* taghhom ir-Rabat f' Novembru 2005 flimkien ma huh sabiex sabiex jottjeni vettura bl-ghajnuna tal-Gvern. Tiftakar li dakinhar l-attur kien halla l-vettura li kellu bhala *deposit* mill-prezz li kienu ftiehmu dwaru sabiex l-konvenut jordnalu l-vettura li xtaq minn barra. Qalet li l-vettura tal-attur kienet fis-*showroom* bhala *re sale* pero tghid li ma setghetx tinbiegh qabel ma jigi finalizzat in-negozju. Qalet ukoll li dakinhar l-attur kien hallas ukoll is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) bhala *part payment* u l-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenut kellu jgiblu vettura tal-ghamla Toyota Vitz *second hand* mill-Gappun ghall prezz ta' LM4,200.

Tghid ukoll li l-attur xtaqha tas-sena manifattura 2003 u ta' kulur *silver* jew sewdha, xtaqha f'kundizzjoni tajba. Tispjega li qaltlu li l-vetturi ikunu mmarkati bi grad l-ghola huwa numru hamsa li jfisser li l-vettura tkun kundizzjonata u fil-

fatt kienet ser tordnahielu hekk. Qalet li kienet taghtu wkoll il-*web site* sabiex jivverifika dak li kienet qed tghid sabiex huwa ikun jista jghamel il-verifiki tieghu dwar dak li kien ser jigi ordnat. Qalet li fil-fatt l-attur gieli mar b'xi ghazlu li jkun ghamel minn fuq is-sit izda sakemm tidhol fis-sit u tivverifika dik l-istess vettura tkun diga nbieghet.

Qalet li hija kellha toqghod attenta ghaliex fil-fatt dik il-ettura li kienet ser tordna kienet qed tinxtara b'mod specifiku ghalih u jekk ma johodiex ma tkunx tista tohrogha mid-Dwana ghaliex peress li tkun inxtrat bl-ghajnuna tal-Gvern din trid bilfors tigi rilaxxjata f'ismu. F'dan il-kaz il-Gvern kien ser jaghti beneficcju fis-somma ta' LM1,700. Qalet li l-klijent baqa' jinsisti maghha li riedha kundizzjonata u hi kienet tghidlu li ma tistax tikkonfermalu dan ghaliex fil-fatt il-vettura kienet *second hand*.

Tiftakar ukoll li fl-ahhar l-konvenut kien qallu sabiex imur jara jekk jinqedix minn haddiehor u li huwa kien lest li jaghtih lura is-somma ta tlett mitt lira Maltin (LM300) flimkien mal-vettura li kellu originarjament.

Tikkonferma li mbaghad l-attur qisu tilef l-interess ghaliex ma baqax imur ix-*showroom* u nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2006 kienu ircevew ittra minghand l-avukat difensur tieghu fejn kienu gew mitluba jirrifondu lura l-flus li l-attur kien tahom flimkien mal-vettura jew inkella jigi rifuz lilu is-somma ta' LM2000 rapprezentanti l-valur tal-vettura u d-*deposit* li kien sar. Tghid li huma kienu accettaw li jirritornawlu l-vettura u l-flus izda mbaghad spiccaw f'skambju ta' ittri legali u fil-fehma taghha l-attur rega' luru minn kliemu.

Hija esebit ittra bhala Dok. A li hija ittra mibghuta mill-Kummissjoni Nazzjonali ta' persuni b'dizabilita li tistabilixxi l-kundizzjonijiet li kien hemm fuq l-importazzjoni ta' din il-vettura TFI liema ittra kienet giet mibghuta lill-attur direttament mill-

Kummissjoni, ittra ohra mibghuta mill-Ministeru tal-Finanzi datata sittax (16) ta’ Dicembru 2005 fejn hemm miktub li l-approvazzjoni tal-ghajnuna tal-Gvern kienet ser tibqa in vigore ghall-perjodu ta’ sitt xhur wara l-iffirmar taghha fost kundizzjonijiet ohra, cedola ta’ depositu li permezz taghha huwa ddeposita s-somma ta’ €699 rapprezentanti l-valur ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300) li kienu gew mghoddija lilu mill-attur  flimkien mal-vettura Tata Indica numru ta’ registrazzjoni CBG 784 registrata f’isem il-konvenut skond il-*log book* esebit.

Illi nhar is-sitta (6) ta’ Mejju 2006 rega’ xehed l-attur Joseph Meilaq in kontr’ezami fejn cahad li huwa qatt tkellem ma Mariolina Schembri li tahdem mal-konvenut u cahad ukoll li din qatt taghtu x’informazzjoni mill-*internet* dwar il-vettura. Ghalkemm jghid li kien minnu li huwa xtaq li l-attur jgiblu vettura mill-Gappun li ma kienitx ghadha ghandu.  Huwa minnu li huwa kien qallu li riedha malajr. Jghid li huwa ghandu *injury* f’saqajh u l-attur kien qallu li kien ser igibielu malajr izda din qatt ma waslet. Qal li huwa kien ottjena permess mill-Ministeru tal-Finanzi sabiex ma jhallasx it-taxxa fuqha li kienet tinsaq ghall sitt xhur u kien mar igedded dan il-permess u fil-fatt hekk kien ghamel.  Jghid li sa ghaxar xhur wara meta l-permess kien ser jerga jghalaq l-vettura kienet ghadha ma waslitx.

Jikkonferma li meta ghaddew sena u ghaxar xhur u l-vettura kienet ghada ma waslitx, huwa kien qal lill-konvenut li kien lest li jaccetta l-vettura anke jekk kellha daqqa basta tasal. Qal li huwa kien mill-ewwl dawwar il-vettura li kellu ghal fuq l-konvenut dakinhar li sari l-ftehim u kien tah is-somma ta’ LM300 ukoll kif kien miftiehem.  Jghid li l-konvenut kien lest li jaghtih lura l-vettura Tata Indica wara ghaxar xhur, pero huwa ma riedix nonostante li l-avukat tieghu kitbet hekk ghaliex huwa xtaq il-vettura li kien ordna.

**Vincent Meilaq** ikkonferma ghal darb ohra li kien prezenti meta sar il-ftehim bejn il-partijiet. Ikkonferma li l-vettura li ried l-attur, kienet Toyota Vitz u li ma kienitx fis-*showroom* dak il-hin tan-negozju u li xtaqha blu w ikkundizzjonata. Jghid li Mariolina Schembri qatt ma tkellem maghha u lanqas jaf biha u li fix-*showroom* darba biss kien mar. Ikkonferma li dakinhar tal-ftehim huh kien ghamel it-*transfer* tal-vettura tieghu u qalibha ghall-fuq il-konvenut u kien tah kif kienu ftiehmu, s-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300) u dan bhala parti mil-prezz tat-Toyota Vitz li l-attur kellu jghaddilu.

Illi nhar it-tmintax (18) ta’ Mejju 2009 l-konvenut esebixxa ittra mibghuta minnu lill-avukat tal-attur datata sbatax (17) ta’ Lulju 2006 fejn fiha kien infurmaha li peress li l-konvenut kien xtaq il-vettura kkundizzjonata u ta’ dan ma setax jaghtih garanzija peress li l-vettura kienet ser tkun *second hand*, offrilha li jrodd lura l-vettura Tata li kien ghaddielu l-attur flimkien mas-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300).

F’dik is-seduta tat-tmintax (18) ta’ Mejju 2009 l-konvenut esebixxa wkoll affidavit iehor tieghu. F’dan l-afidait ikkonferma dak kollu li qalet Mariolina Schembri. Zied ighid pero li l-attur kien talbu ghal vettura *automatic* ghaliex kellu disabilita f’saqajh ghaliex fil-fatt kien spicca bla swaba minhabba il-marda li kellu tad-dijabete. Jghid li huwa kien accetta li jbieghu t-Toyota una volta huwa jghaddielu l-vettura li kellu u s-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300) sabiex b’hekk l-attur kien qed ihallas is-somma t’elfejn lira maltin (LM2000) bhala *deposit*. Qal li veru l-attur kien ghamel it-*transfer* minnufih pero l-vettura baqghet *for re sale* u qal li din tkun bla *insurance* w ghalhekk ma tistax tinbiegh lil terzi. Jghid li l-attur kien kuntent b’din il-proposta basta ma jibqax ihallas l-ispejjez.

L-attur jghid li maz-zmien huwa kien isib il-vettura li xtaq l-attur izda meta kien jghidlu biha dan ma kienx juri interess u kien ghalhekk li ma importawhiex.

**Stephen Cachia** ghan-nom tad-Direttorat tal-Licenzji xehed nhar il-hdax (11) ta' Gunju 2009 fejn ikkonferma li l-vettura Tata Indica numru ta' registrazzjoni CBG 784 kienet tappartjeni lil Joseph Meilaq sad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 2005 u wara din id-data l-vettura giet mibjugha lid-*dealer* Antoine Vassallo Auto Dealer.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk f'din is-sentenza finali il-Qorti ghandha biss tiddecidi fuq it-tielet, il-hames w is-sitt eccezzjoni.

Illi l-Qorti ezaminat il-provi prodotti li principalment jikkonsistu fix-xhieda tal-attur, huh, l-konvenut u l-impjegata tieghu Mariolina Schembri u Stephen Cachia.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ombra ta' dubbju l-attur xtaq ibiegh il-vettura tieghu tat-tip Tata Indica peress li din kienet "*manual*" u minflok xtaq idahhal ohra tat-tip "*automatic*". Dan ghamlu minhabba d-disabilita fizika li huwa kellhu. Ghal dan il-ghan, l-attur, flimkien ma huh kienu marru ghand l-konvenut sabiex jaraw kemm kien lest li jaghtih tal-vettura tieghu. L-attur jghid, u dan mhux kontestat, illi l-konvenut tah elf u seba' mitt liri Maltin (LM1,700) taghha. Wara li ftehmu fuq il-prezz, l-attur informa lill-konvenut li huwa xtaq jixtri vettura tat-tip Toyota Vitz.  Il-konvenut stqarr mieghu li huwa ma kellhux vettura bhal dik, izda seta' jaqdih.  Fil-fatt talbu s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) bhala depozitu fuq il-vettura tat-tip Toyota Vitz.  Ghalhekk il-flus li kellu jiehu l-attur minghand il-konvenut u cioe l-LM1,700 zammhom l-istess konvenut w imbaghad dakinhar stess, l-

attur reggha mar ghand il-konvenut sabiex jaghtih id-differenza u cioe tlett mitt lira Maltin (LM300). Sar ukoll, da parti tal-attur, it-*transfer* tal-vettura li kellhu u cioe t-Tata Indica, u fuq dan it-*transfer* kienet anke iffirmat il-mara tal-attur. B'hekk gie li l-konvenut kellhu f'idejh is-somma ta' LM2,000 appartenenti lill-attur. Wara hafna zmien, l-konvenut baqa ma gabx il-vettura li kien xtaq l-attur, u kien ghalhekk li huwa kiteb lill-konvenut permezz tal-Avukat tieghu. Din l-ittra, li giet immarkata bhala Dok. Z u tinsab esebita a fol. 21 tal-process, tghid illi s-somma ta' LM2,000 li diga hallas il-mittenti (attur odjern) kienet thallset "*parti f'cash u parti f'part exchange*". Sussegwentement, l-attur xtara vettura tat-tip Daihatsu w ipproceda b'din il-kawza, sabiex tigi rifuza lilu s-somma ta' LM2,000, "*rapprezentanti somma ta' refuzjoni ta' valur ta' flus imhallsa lill-konvenut bhala parti mill-prezz ta' Toyota Vitz li kellha tigi kkonsenjata lil Joseph Meilaq, liema karozza qatt ma giet konsenjata*".

Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**, deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007:-

"In materja ta' provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.

(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;

(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

W imbaghad, dwar xi jfisser l-avviz li bih l-attur iressaq it-talba tieghu ghad-determinazzjoni tal-Qorti, ntqal illi:-

"*Trattandosi di domanda ntrodotta per avviso nella Corte Inferiore la legge e' meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse stata introdotta in una Corte Superiore (Kollez. Vol. XXIV p. 1 p.615) kowtazzjoni mehuda mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Cassar nomine vs Victor Zammit*** *deciza fit-23 ta' Gunju, 1994*".

Fl-istess sentenza intqal ukoll illi sabiex tigi evitata n-nullita tac-citazzjoni l-Qrati nostrani irrikorrew ghall-kriterju tal-ekwipollenza u li fil-Qorti Inferjuri l-attur jista jibdel il-kawzali.

Inghad ukoll illi "*kemm l-imsemmi kriterju kif ukoll it-tibdil tal-kawzali huma hekk applikati jew konsentiti meta l-kawzali ma tkunx espressa sew fic-citazzjoni jew fil-kaz ta' kawzali mfissra aktarx lakonikament*". Gie ukoll ritenut illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni il-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-mertu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinorriex f'nullita (Vol. XXIX p II p.698 u Vol. XLVIII p. II p. 777) imsemmija fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Design Elements Ltd vs Michael P. Camilleri pro et noe** deciza fl-ghoxrin (20) t'Ottubru, 2004.

Issa minn qari ta' l-avviz, il-Qorti tistqarr li t-talba hija wahda cara u mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur biegh il-karozza tieghu tat-tip Tata Indica lill-konvenut. Il-bejgh sar u l-istess attur jistqarr ukoll illi huwa u martu marru jiffirmaw il-*log book* relattiv. Gara izda li minflok ma l-attur ha l-LM1,700 tal-karozza tieghu, huwa halla dawn il-flus bhala depozitu akkont fuq vettura ohra. Ma dawn l-LM1,700 huwa zied is-somma ta' LM300. B'hekk, l-attur gie li halla ghand il-konvenut is-somma ta' LM2,000 ekwivalenti ghal €4,658.75. Mela allura ma huwiex il-kaz kif qieghed ighid il-konvenut u

cioe li dan huwa kaz ta' infurzar ta' hlas ta' prezz ta' vettura, izda huwa kaz ta' rifuzjoni ta' flus li l-attur kien halla mal-istess konvenut. Illi ma hemmx dubbju li n-negozju kien wiehed ta' biegh.
Illi l-konvenut qed ighid li n-negozju li kien hemm bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' biegh kif stipulat fil-ligi izda kuntratt ta' tpartit. Ma din is-sottomissjoni il-Qorti ma taqbilx ghaliex l-intensjoni tal-attur kienet wahda u cioe li jixtri vettura Toyota Vitz u mhux li jpartat il-vettura tieghu. Fil-fatt il-vettura tieghu Tata indica giet stmata sabiex tinghata bhala parti mill-prezz flimkien ma xi somma flus *cash*. Kemm l-attur kif ukoll il-komnvenut jaqblu li l-valur tat-Tata flimkien mal-*cash* u cioe is-somma ta' LM2000 kellha isservi bhala *deposit* ghax-xiri tal-vettura Toyota Vitz.

Skond l-**Artikolu 1346 tal-Kap 16** *"il-biegh huwa kuntratt li bih wahda mil-partijiet tintrabat li taghti xi haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas ghaliha."*

Dan hu appuntu dak li gara bejn il-partijiet l-attur obbliga ruhu li jittrasferixxi lill-konvenut li accetta il-vettura tieghu Tata li giet stmata bil-prezz ta LM1,700 li flimkien mas-somma *cash* ta' LM300 kellhom iservu bhala *deposit* ghax-xiri tal-vettura Toyota Vitz.

In segwitu l-konvenut kien obbliga ruhu li jordna il-vettura Toyota Vitz sabiex jittrasferiha lill-attur. Jidher li l-attur esegwixxa l-obbligi tieghu waqt li l-konvenut naqas li jaderixxi mal-ftehim. Ma hemmx dubbju li l-oggett tal-akkwist u cioe il-vettura Toyota Vitz u l-valur kienu miftiehma bejn il-partijiet sa mill-bidu nett.

Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja dak li qal fl-eccezzjoni tieghu cioe li l-biegh (u mhux tpartit) ma sarx minhabba ragunijiet imputabbli lilu. Ma ressaq l-ebda prova dwar dak li ghamel sabiex jiffinalizza n-negozju. Jghid biss

li dak li sab fil-kompjuter ma ghogobx lill-attur pero prova ta' dan ma gabx.

Illi l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut m'onorax l-obbligi tieghu u m'ordnax il-vettura kif rikjesta minnu skond il-ftehim milqugh minnu.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti qieghda tichad kemm it-tielet eccezzjoni tal-konvenut kif ukoll il-hames u s-sitt fejn inghad li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-Qorti ghalhekk filwaqt li tilqa t-talba attrici u tichad il-kumplament ta' eccezzjonijiet (it-tielet, il-hames u is-sitt) li ma gewx trattata fis-sentenza taghha pre citata, qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000).

L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenut.**"**

Il-kontestazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' din is-sentenza ghandha konnessjoni fil-qrib ma' l-apprezzament valutattiv li ghamlet l-ewwel Qorti tal-ftehim negozjali bejn il-partijiet. Oltre dan, huwa jikkontendi illi fic-cirkostanzi li fih sehh dak il-ftehim l-uniku rimedju ghall-attur kien dak indikat mill-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili;

Minn ezami tar-rizultanzi processwali huwa innegabbli illi l-kontendenti jaghtu versjoni kontrastanti tal-kontenut ta' l-arrangament negozjali ta' bejniethom. Koncizament, hekk mentri l-attur appellat jghid illi minhabba incident li kellu hu biegh il-karrozza tieghu lill-konvenut u ftiehem ukoll mieghu li jakkwista minghandu vettura Toyota Vitz automatic (ara Affidavit tieghu a fol. 17), il-konvenut isostni li l-attur innegozja mieghu x-xiri ta' vettura "second hand" mill-Gappun dwar liema hu ghamel depozitu ta' Lm300 u "part exchange" ma' vettura li kellu. Fuq haga wahda jaqblu l-partijiet u cjoe, li l-vettura li l-konvenut kellu

jgib minn barra ghall-attur qatt ma sar konsenja taghha. Mhux importanti ghall-finijiet tal-kawza ghaliex din il-konsenja ma saretx ghax dak li hu cert hu illi t-“traditio” taghha ma avveratx. Minn naha l-ohra, kif ukoll ikkonfermat f’wahda mid-decizjonijiet preliminari ta’ l-ewwel Qorti, il-vettura li kellu l-attur ghaddiet in konsenja ghand il-konvenut in forza tal-formalitajiet preskritti;

Premessa din l-introduzzjoni qasira tal-fatti, hi t-tezi tal-konvenut appellanti illi:-

i. ir-rimedju disponibbli ghall-attur kien unikament dak li jinzel mill-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili;

ii. l-attur ipprevalixxa ruhu mid-dritt li jholl il-ftehim u ghal bidu kien kuntent li jiehu lura s-somma tal-flus kontanti li hallas kif ukoll il-vettura li hu kellu u li kien ghadda lill-konvenut (ara ittra ta’ l-Avukat tieghu tas-27 ta’; Lulju, 2006 a fol. 56 tal-process). Dejjem skond l-appellanti, l-attur sussegwentement bidel fehmtu u azzjonah biex jenforza l-bejgh tal-vettura li kien iddepozita ma’ l-appellanti biex jirriskwoti wkoll il-valur taghha;

iii. meta intbaghtet dik l-ittra l-attur gie li rrinunzja inekwivokabilment ghal-linja ta’ azzjoni li hu sussegwentement intraprenda;

Fuq l-ewwel punt fuq espost hu provvdut mill-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili illi “jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna, fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista’ jitlob, kif jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha, izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh biss”;

L-interpretazzjoni li tinzel mill-gurisprudenza fuq dan l-artikolu tal-ligi hi fis-sens infraskritt:-

1. *In primis,* l-artikolu jippresupponi ftehim ta’ konsenja ta’ haga mibjugha fiz-zmien konvenut. Ara “**Negte Joseph Muscat *nomine* -vs- Michele Zammit *et***”, Appell Kummercjali, 20 ta’ Mejju, 1940;

2. Ghal precizazzjoni, imbaghad, l-artikolu hu mfisser bhala applikazzjoni ta' l-Artikolu 1069 (1) Kodici Civili li jissottintendi l-kondizzjoni rizoluttiva fil-kuntratti sinallagmatici ghall-kaz meta wahda mill-partijiet ma tissodisfax l-obbligazzjoni taghha. Il-parti li versu lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet ezegwita ghandha, f'dan il-kaz, ix-xelta jew li tikkostringi l-parti l-ohra ghall-ezekuzzjoni tal-konvenzjoni jew li titlob ir-rizoluzzjoni. Ara "**Joseph Caruana Curran *proprio et nomine* -vs- Walter Mamo *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Lulju, 1953;

3. Paragonat ma' l-Artikolu 1438 (2) tal-Kodici Civili fejn allura l-kuntratt jinhall *ipso jure* ghaf-favur tal-bejjiegh f'kaz li x-xerrej ma jkunx ha konsenja ta' l-oggett vendut, fil-kaz ta' l-Artikolu 1385 predett, dak il-hall mix-xerrej irid isir b'ordni tal-Qorti. Hu pacifikament akkolt illi "*quantunque il compratore di derrate o altre cosi mobili non possa valersi 'ipso jure' della risoluzione per mancata consegna entro il termine stabilito, pure egli puo dedurre tale diritto per via di azione o di eccezione*." Ara "**Joseph Caruana *nomine* -vs- Commerciante Joseph Ellul**", Qorti tal-Kummerc, 10 ta' Marzu, 1927 u "**Giuseppe di Tommaso Demajo -vs- Giovanni Grech**", Appell Kummercjali, 19 ta' Mejju, 1911;

Ri-affermati dawn id-deduzzjonijiet gurisprudenzjali, ghandu jigi notat illi unitament ma' l-imsemmji artikolu hemm dak l-artikolu susssegwenti 1386 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi "fil-kazijiet kollha, il-bejjiegh ghandu jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata hsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-haga fiz-zmien miftiehem". B'din id-disposizzjoni l-ligi ma zzid u ma tnaqqas xejn minn dak tal-principju generali tad-dritt mitbugh fl-Artikolu 1069 (2) ta' l-istess Kodici;

In tema, jinghad fis-sentenza fuq citata in re: "**Caruana Curran *nomine* -vs- Mamo *nomine***" (21 ta' Lulju, 1953) illi fil-kaz ta' rizoluzzjoni ta' ftehim id-danni jikkomprendu

wkoll il-prezz tal-haga li x-xerrej jkun gja hallas jew ir-restituzzjoni ta’ dak li l-bejjiegh ikun irceva minghand il-kompratur fl-okkazjoni tal-ftehim negozjali. Dan huwa hekk in kwantu l-obbligu tal-venditur, fil-fehma ta’ din il-Qorti, m’ghandux karattru rizarcitorju izda hu, pjuttost, in konsegwenza ta’ l-inadempiment tal-bejjiegh, ossija, tan-nuqqas ta’ konsenja tal-haga ghal liema gie ezegwit il-hlas tal-prezz. Prezz dan li fil-kaz in ezami kien wiehed parzjali fis-sens ta’ ghoti ta’ somma kontanti u tal-valur tal-vettura ta’ l-attur li, skond il-ftehim, ghaddiet fil-pussess, sew materjali, sew guridiku, tal-konvenut-venditur. Dan b’mod li l-konvenut kien fil-poter li seta’ jiddisponi minnha ghaliex wiehed ghandu jipprezumi illi din is-setgha fih ma setghetx ma tkunx akkompanjata minn dik ta’ l-*animus rem sibi habendi*;

Issa hu minnu li, inizzjalment, l-attur appellat talab li jigi restitwit lura s-somma ta’ flus li hallas flimkien mal-vettura li kienet tieghu. Dan fil-fazi extra-gudizzjali tal-kontroversja. Huwa minnu wkoll illi l-istess attur bidel fehmtu u opta biex jitlob fil-fazi gudizzjali, oltre s-somma ta’ flus (Lm300), il-valur apprezzat tal-vettura (Lm1700). B’daqshekk din il-Qorti ma tarax kif tista’ taccetta l-proposizzjoni ta’ l-appellanti illi, b’dik l-ghazla inizzjali tieghu, l-attur gie li rrinunzja ghal-linja ta’ azzjoni minnu precedentement adottata bid-domanda extra gudizzjali. Hu fil-poter dispositiv ta’ kull titolar ta’ dritt personali, sakemm il-ligi hekk tippermettilu, illi jitlob it-tutela ta’ dak l-istess dritt skond il-mod determinat minnu bl-azzjoni u tal-formulazzjoni tat-talba li hu jqis l-aktar korrispondenti ghall-interessi tieghu. Din id-diskrezzjonalita` tieghu fl-impostazzoni tal-*lite* certament tabilitah biex hu jaghzel ix-xorta ta’ azzjoni u tat-talba, oggett ta’ dik l-istess azzjoni. Kwalsiasi xelta extra-gudizzjali li hu seta’ ghamel ma kienetx tipprekludih milli jagixxi diversament, basta dejjem, s’intendi, fil-harsien tal-ligi. Hi, imbaghad, haga diversa r-rinunzja tad-dritt minn dik tal-ghazla ta’ kif ix-xerrej jirriskwoti d-danni minghand il-venditur. F’dan il-kaz hu indikattiv anke minn dak ikkummentat *supra* illi l-attur seta’ allura jitlob il-valur tal-vettura tieghu, li hu formalment ttrasferixxa lill-appellanti anke ghaliex din, ghall-effetti

kollha, kienet intiza bhala parti mill-prezz tal-vettura li l-appellanti kellu jikkonsenja lill-attur u li, in bazi ghall-istruttorja tal-kaz hu baqa' ma adempiex din il-prestazzjoni. Dan igib li l-appell tal-konvenut mhux fondat u ser jigi rigettat.

Ghal motivi kollha dedotti l-Qorti qed tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------